**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Strickland Limited (C-473)**

**Vs**

**Melanie Grech (ID 123578M)**

**Rikors Guramentat Numru: 28/17**

Illum 26 ta' Settembru 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors tas-socjeta' Strickland Limited (C-473) li jaqra:

Jesponi bir-rispett u Adrian Strickland detentur tal-karata tal-identita' bin-numru 32241(M), fil-kapacita' tieghu bhala direttur tas-socjeta esponenti bil-Malti u bil-gurament tieghu jikkonferma illi huwa jaf personalment bis-segwneti fatti:-

1. Illi s-socjeta' esponenti hija propjetarja ta' tlett blokkijiet ta' appartamenti rispettivament maghrufa bhala Block A, Block B u Block C, bl-isem 'Marshall Court', li jinsabu l-Gzira;

2. Illi l-appartament bin-numru wiehed (1), formanti parti minn Block A, Marshall Court, Gzira, jinsab mikri lill-intimata Melanie Grech vesu l-kera annwali ta’ mitejn u erbatax–il Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€214.28) – gja tnejn u disghin Lira Maltin (Lm92), pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem;

3. Illi ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-socjeta’ rikorrenti ghandha d-dritt illi titlob permess minn dan il-Bord sabiex tkun awtorizzata tirriprendi l-pussess tal-appartament hawn fuq indikat, u dan partikolarment peress illi l-intimata Melanie Grech abbandunat l-appartament de quo, ilha zmien ma tirrisjedi gewwa fih u sahansitra tinsab irregistrata f’indirizz iehor (estatt mir-Registru Elettorali tas-sena 2013 anness u mmarkat bhala Dok A). Di fatti jidher illi hemm terza persuna mhux rikonoxxuta illi qieghda b’mod abuziv u illegali taghmel uzu minn dan l-istess appartament.

4. Illi di piu’ l-intimata Melanie Grech ilha moruza zmien fil-hlas tal-kera b’dan illi hija dovuta lis-socjta’ rikorrenti s-somma ta’ elf, wiehed u sebghin Ewro u erbghin Centezmu (€1071.40) rapprezentanti l-iskadenzi ta’ dawn l-ahhar hames snin u cioe’ minn April 2012 sa Marzu 2017.

5. Illi sa fejn taf is-sojeta’ rikorrenti l-intimata m’ghandhiex difiza x’taghti kontra l-odjerna talba, u ghalhekk, huwa l-kaz li dan il-Bord jghaddi biex jiddeciedi l-kawza prezenti b’mod sommarju skont il-ligi.

Ghaldaqstant is-socjeta’ rikorrenti titlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu:

1. Jilqa′ t-talba sabiex dan ir-rikors jigi ttrattat bi procedura sommarja u minghajr ma jghaddi ghas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligjiet ta′ Malta.
2. Jiddikjara mitmuma l-kirja bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimata Melanie Grech u dan tal-appartament bin-numru wiehed (1), formanti parti minn Block A, Marshall Court, Gzira ghar-ragunijiet hawn premessi.
3. Jawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-appartament bin-numru wiehed (1) formanti parti minn Balock A, Marshall Court, Gzira u

dan fi zmien qasir u perentorju illi jigi stabbilit minn dan l-istess Bord.

4. Jiddikjara illi l-intimata Melanie Grech hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' elf, wiehed u sebghin Ewro u erbghin centezmu (€1071.40) f'arretrati ta' kera minn April 2012 sa Marzu 2017, u kif ukoll ghall-ispejjez relattivi f'kontijiet pendenti relatati mas-servizzi tad-dawl u tal-ilma fil-fond lokatizzju skont kif hawn fuq imsemmi.
5. Konsegwentalment jordna lill-intimata Melanie Grech sabiex thallas dak minnha dovut ai termin tar-raba' (4) talba hawn fuq maghmula.

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura u bl-imghax legali kontra l-intimata illi hija minn issa ngunta gahs-subizzjoni, u b'rizeva a favur tas-socjeta' rikorrneti, ghal kwalsiasi azzjoni ultrjuri lilha spettanti skont il-ligi kontra l-istess intimata.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata.

Ra li l-intimata giet debitament notifikata bir-rikors promotur, bid-digriet u bl-avviz tas-smiegh.

Ra li l-intimata ma dehritx fis-seduta tallum biex tikkontesta t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti.

Sema' lil Adrian Strickland.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Mill-atti jirrizulta li s-socjeta' esponenti hija propjetarja ta' tlett blokkijiet ta' appartamenti rispettivament maghrufa bhala Block A, Block B u Block C, bl-

isem ‘Marshall Court’, li jinsabu l-Gzira. L-appartament bin-numru wiehed (1), formanti parti minn Block A, Marshall Court, Gzira huwa mikri lill-intimata Melanie Grech vesu l-kera annwali ta’ mitejn u erbatax–il Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€214.28) – gja tnejn u disghin Lira Maltin (Lm92), pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem. Irrizulta li l-intimata mhiex qeghda tghix fl-appartament inkwistjoni u inoltre’ hija moruza fil-hlas.

Peress li jimmerita li t-talbiet tas-socjeta’rikorrenti jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet kollha tas-socjeta’ rikorrenti u ai fini tat-tielet talba ossija l-izgumbrament mill-fond inkwistjoni qieghed jigi ffissat terminu perentorju ta’ erbghin (40) jum.

Bl-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-intimata.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**